MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Numru. 644/2003

Il-Pulizija
(Sup Carmelo Bartolo)
vs
Arthur Abela, iben Emanuel, imwieled Pieta' fit-23 ta' Lulju, 1965, karta ta' l-identita' numru 348765(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fl-20 ta' Ottubri, 1998 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer, bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika jew bħala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellhux jedd li jesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, illi taħt il-libsa tal-kariga tiegħu, esiga dak li l-liġi ma tippermettiex, jew iżjed minn dak li tippermetti l-liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-liġi, liema ezazzjoni kontra

l-liġi saret b'theddid jew b'abbuz ta' awtorita' għad-dannu ta' Joseph Micallef mill-Mosta;
2. talli fl-istess data u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra, sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' aktar minn ħamsin lira maltija (Lm50) u mhux aktar minn ħames mitt lira maltija (Lm500) għad-dannu ta' Joseph Micallef mill-Mosta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-18 ta' Frar, 2005 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 112, 113 u 119 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 115 u 119 tal-Kodiċi Kriminali; u
c. fl-artikoli 308, 309, 310 u 141 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanza oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-każ kellu l-bidu tiegħu meta c-chairman tal-MEPA, Andrew Calleja, kiteb lill-pulizija fit-28 ta' Mejju, 2002 li l-imputat allegatament kien irċieva cheque tal-valur ta' Lm350 mingħand persuna li għamlet applikazzjoni lill-

MEPA. Dan ic-cheque ma kienx dovut għaliex kien in konnessjoni mad-dmirijiet professjonali tiegħu. Fil-fatt kienet saret domanda parlamentari mill-Onorevoli Perit Charles Buhagiar fis-seduta tad-29 ta' April, 2002 fejn kien allega li mpjegat tal-MEPA kien irċieva xi flus b'mod illegali waqt il-qadi ta' dmirijietu. Fid-domanda parlamentari ma saret ebda referenza għal xi persuna partikolari, iżda wara li l-Perit Buhagiar kien kellem lill-Perit Stephen Farrugia waslu għal konkluzjoni li l-persuna li kellha x'taqsam ma dan il-każ kien l-imputat. L-applikazzjoni in kwistjoni kienet dak li hu magħruf bħala 'General Development Order'. Sussegwenement, il-Perit Godwin Cassar kien għamel investigazzjoni nterna dwar l-akkadut u l-imputat kien irlixxa stqarrija fejn spjega dak li ġara. L-imputat ċaħad li hu kien irċieva xi flus in konnessjoni max-xogħol tiegħu u spjega li hu kien xtara xi apparat ta' l-imbid mingħand Joseph Micallef għal prezz ta' Lm350 u li Micallef kien tagħhomlu lura b'cheque datat 12 ta' Ottubru, 1998.

Illi l-fatti meritu ta' din il-kawża kellhom il-bidu tagħhom meta Mario Micallef permezz tal-Perit tiegħu l-Perit Michael Attard applika lill-Planning Authority għall-permess biex jitwaqqgħu mħażen derelitti fil-Bypass tal-Imrieħel u minflok tinbena 'showroom' b'basement sottostanti. Din l-applikazzjoni saret fid-19 ta' Ġunju, 1995 u ġiet rifjutata fit-13 ta' Jannar, 1997. (File no. 3523/1995).

Illi fit-3 ta' Frar, 1998 Antonia Polidano, oħt Mario Maicallef u Joseph Micallef, applikat dejjem permezz tal-Perit Michael Attard biex jinbena ġibjun u pumphouse fil-post hawn fuq indikat. Billi dan kien tip ta' zvilupp li jaqa' taħt in-nomeklatura ta' General Development Order il-Planning Authority kienu jeħtieġu biss notifikazzjoni tax-xogħol li kellu jsir. Fil-fatt ix-xogħol ġie approvat fit-23 ta' Frar, 1998. (File no. 153/ 1998). L-imputat iffirma l-ittra li biha il-Planning Authority infurmat l-applikant li rċeviet in-notifika.

Illi fit-18 ta' Mejju, 1998 il-Perit Michael Attard, għan-nom ta' Joseph Micallef, kien kiteb lill-Planning Authority skont General Development Order biex iwaqqa u jerġa jibni

saqaf u xi ħitan dejjem fl-istess sit. Dan ġara wara lment mill-Kunsill Lokali ta' Ħal-Qormi lil Joseph Micallef minħabba perikolu għan-nies li kienu jgħaddu ħdejn dan il-fond. Fit-13 ta' Lulju, 1998 il-Planning Authority tat il-barka tagħha għal dan ix-xogħol. (File no. 1525/1998). L-imputat iffirma din l-ittra. Il-Planning Authority, dejjem taħt il-firma ta' l-imputat, ħarġet awtorizzazzjoni oħra b'ittra tat-2 ta' Settembru, 1998. Iżda fit-28 ta' Novembru, 1998 il-Planning Authority ħarġet 'stop notice' fuq dan is-sit minħabba li Joseph Micallef mar oltre dak li seta' jagħmel skont il-GDO. Din l-ittra ġiet iffirmata minn Ronnie Vella.

Illi fit-28 ta' Ottubru, 1998 il-Perit Michael Attard, għan-nom ta' Joseph Micallef, kien kiteb lill-Planning Authority skont General Development Order biex immodifika l-bini tal-ġibjun. Dan ġie approvat fis-6 ta' Novembru, 1998. Konsegwenza ta' din in-notifikazzjoni l-permess numru 153/1998 ġie revokat. (File no. 2272/1998). L-imputat iffirma din l-ittra.

Illi s-saga ta' dan il-fond spiċċa meta l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar b'sentenza tas-27 ta' Ġunju, 2005 għalaq il-kwistjoni kollha meta l-applikazzjoni ta' Joseph Micallef ġiet miċħuda.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li c-cheque ta' Lm350 favur Arthur Abela, l-imputat, ġie maħruġ minn Joseph Micallef fit-12 ta' Ottubru, 1998. Id-data ta' l-emissjoni ta' dan ic-cheque hi waħda li tiġi wara l-ħruġ ta' żewġ GDOs, 153/1998 u 1525/1998. Ma hemm ebda dubju li l-imputat kien ġie nfurmat mill-perit tiegħu li dawn il-GDOs ma kienu jipprezentaw ebda problema u l-ħlas għalihom kien wieħed irrisorju. Minbarra dan, hu stramb kif dan il-każ ta' allegata korruzzjoni tqajjem biss fis-sena 2002 meta l-perit li kien qed jieħu ħsieb din il-binja kien wieħed ġdid u meta kien hemm 'stop notice' li kien in vigore mit-28 ta' Novembru, 1998. Jiġi rilevat ukoll li fis-sena 1998 Arthur Abela kien inkarigat mill-awtorizzazzjoni ta' General Development Orders (GDOs) taħt il-ħarsien ta' superjuri tiegħu li kienu jivverifikaw l-awtorizzazzjoni korretta ta' dawn il-GDOs.

Illi jirrizulta li Joseph Micallef ried ibiegħ xi apparat ta' l-imbid u billi l-imputat kien dilettant mar għandu biex jixtri dan l-apparat għall-prezz ta' Lm350. Skont l-imputat, Joseph Micallef ma riedtx flus tiegħu u għalhekk kien irrifonda il-flus permezz ta' cheque hawn fuq imsemmi. Ix-xiri ta' dan l-apparat sar qrib l-emissjoni taċ-cheque u cioe' ftit qabel it-12 ta' Ottubru, 1998. L-imputat dejjem ċaħad li hu kien ħa s-somma ta' Lm350 biex imexxi xi permessi. Fil-fatt dawn il-permessi kienu ilhom li ħarġu qabel ma ġie maħruġ dan iċ-cheque bl-eċċezzjoni tal-file no. 2272/1998 tas-6 ta' Novembru, 1998. Din l-aħħar notifikazzjoni ma biddlet xejn mill-oriġinal iżda kienet biss in sostituzzjoni tan-notifika 153/1998.

Illi Joseph Micallef xehed li hu ried jaqleb il-kalkara tal-ġir fil-post imsemmi f'sala għat-tieġijiet iżda wara l-ewwel attentat li falla kienu nħarġu ż-żewġ GDOs biex isewwi l-ħsara u il-bini tal-ġibjun b'pumproom. Hu dejjem ċaħad li l-flus kienu ġew mogħtija lill-imputat għall-apparat ta' l-inbid, li hu kien xtara mingħandu. Dejjem insista li is-somma ta' Lm350 kien il-prezz li hu kellhu jħallas lill-Planning Authority għal ħruġ tal-permessi. Ħaġa stramba hi li Joseph Micallef beda x-xhieda tiegħu billi qal li hu kien ħallas xi flus bil-perit u inħareġ il-permess. Lill-Perit Attard qatt ma qallu li ħallas is-somma ta' Lm350.

Illi jekk wieħed jikkompara x-xhieda ta' Joseph Micallef ma dik ta' l-imputat wieħed jista' jasal raġonevolment għal konkluzjoni li x-xhieda ta' l-imputat hi aktar kredibbli. Wieħed ma jistax jinsa li dan il-każ inqala snin wara l-ewwel talba tal-familja Micallef għal ħruġ ta' permess, meta l-perit inbidel u kienet qed issir pressjoni għal ħruġ ta' permess f'zona li tali permess mitlub ma setgħax jinħareġ.

Illi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-imputat ma ġietx eżaminat għal fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti hu aktar importanti għall-imputat li tiġi dikjarata l-innoċenza tiegħu fuq il-fatti.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------